Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 265/2007AE

**Anthony sive Ninu Zammit [I.D. 119352 M]**

**vs**

**Dr Alfred Sant [I.D. 267948M]**

L-Erbgha, 27 ta' April 2016.

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors li bih ir-rikorrent tieghu ghamel referenza ghal diskors pubbliku li sar mill-intimat bhala Kap tal-Oppozizzjoni u li gie imxandar fuq *Super One Radio* il-Hadd 19 ta' Awissu 2007, fejn tkellem dwar il-kumpens illi thallas lir-rikorrent in konnessjoni mal-espropriazzjoni ta' bictejn art quddiem id-dar tieghu fiz-Zurrieq. Ir-rikorrent deherlu li dan id-diskors kien libelluz u malafamanti fil-konfront tieghu u offenda l-unur u l-fama tieghu u esponieh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku. Ir-rikorrent ghalhekk talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-intimat ihallsu somma likwidata mill-Qorti in linea ta' danni a tenur tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat ir-Risposta tal-intimat[1] li permezz taghha eccepixxa illi (i) d-diskors indikat mir-rikorrent ma kienx libelluz; (ii) l-istess diskors kien jikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament, jew "value judgment" tal-eccipjent u huwa "fair comment" fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa, kemm taht il-Kosituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Findamentali tal-Bniedem; (iii) huwa kien qieghed jezercita d-dritt u d-dover tieghu f'demokrazija, li jaghmel kritika politika fil-vesti tieghu ta' deputat tal-poplu u kap tal-oppozizzjoni fuq materja ta' interess pubbliku, dwar l-amministrazzjoni pubblika.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Marzu 2014 li fiha l-Qorti ddecidiet li:

*"**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u*

***Tilqa'** t-talba attrici u **Tiddikjara** illi d-diskors pubbliku li ghamel l-intimat u gie imxandar fuq Super One Radio fil-Hadd, 19 ta' Awissu 2007, kien*

[1] Fol 6.

*jikkontjeni kliem u fatti li huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk*

***Tikkundanna** lill-intimat ihallas lir-rikorrent in linea ta' danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 is-somma ta' elf Euro (€1,000), bl-imghax dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.*

*Spejjez ta' dawna l-proceduri jkunu kollha a kariku tal-intimat."*

L-istess Qorti ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet wara li elenkat il-principji stabbiliti fil-gurisprudenza relattiva:

i. Ma hemmx dubju illi l-kliem li intuzaw kienu kumment dwar dak li l-intimat, dak iz-zmien kap tal-opposizzjoni, hass illi kellu jilmenta mal-poplu, u cioe' l-fatt li r-rikorrent, bhala Ministru, kien inghata kumpens ghal proprjeta' li kienet ittiehditlu snin qabel filwaqt illi ohrajn, skont hu, ghadhom qed jistennew sabiex jithallsu ghal art li ttehditilhom mill-Gvern;

ii. Ghalkemm huwa minnu li l-kumment illi sar kien ibbazat fuq fatti illi kienu sehhew, jidher illi l-fatti li l-intimat semma u li abbazi taghhom wasal ghal konkluzjoni kienu zbaljati;

iii. Il-fatt li jsir hlas ghal art illi giet espropriata minn Gvern ghal uzu pubbliku, minnha innifisha, tikkostitwixxi kwistjoni ta' interess pubbliku. Tali interess jizdied tenut kont tal-fatt illi l-art li giet esproprjata u li taghha kien qieghed isir il-hlas kien ta' Ministru li kien fil-Gvern meta sar il-hlas;

iv. Peress illi l-bazi li fuqhom l-intimat wasal ghal konkluzjoni taghhom ma kinux korretti, allura ma jistax jitqies illi tali kummenti kienu gusti;

v. Ma kienx obbligu tal-intimat illi jipprova li ma kellux malizja fil-kumment tieghu;

vi. Lil min kien qieghed jisma' d-diskors tal-intimat ma inghatatlux l-istampa kollha tal-fatti sabiex jasal ghal konkluzjoni onesta u indipendenti ghax hareg car mill-fatti kif proposti, illi ma kienx minnu li r-rikorrent inghata l-kumpens, li kien anqas minn dak attwalment indikat mill-intimat, ghax ra kif irranga u ghax kien Ministru, kif allega l-intimat, izda inghata tali kumpens ghax kellu kull dritt ghalih, bhalma kellhom il-girien kollha tieghu, li bhalu, hadu kumpens ukoll;

vii. Ghalhekk, l-intimat ma kienx onest fil-kumment tieghu u ghandu jkun responsabbli tal-konsegwenzi ta' tali nuqqas ta' onesta;

viii. Dwar id-danni mill-provi prodotti ma jidhirx illi r-rikorrent sofra xi telf ta' qliegh finanzjarji dovut ghad-diskors meritu tal-kawza odjerna, u ghalhekk il-Qorti pprovdiet dwarhom *arbitrio boni viri*.

L-intimat (appellant) u r-rikorrent (appellat) wiegeb[2], waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2015 saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-aggravji tal-appellant**

L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ddecidiet hazin meta laqghet it-talbiet tar-rikorrent u cahdet l-eccezzjonijiet tieghu kemm minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi kif ukoll minhabba zbalji fuq il-fatti msemmija u fatti rilevanti li bi zvista thallew barra. F'kull kaz ma tqisux l-fatti kollha rilevanti li fil-fehma tieghu kellhom jikkonvincuha tilqa' t-tezi tal-appellant.

L-appellant jargumenta li l-kummenti tieghu jammontaw ghal *"value judgement"* u huma a *"fair comment".*

Kuncetti li gew ripetutament trattati quddiem il-Qrati. Fil-kaz fl-ismijiet **Emanuel Cuschieri vs Daphne Caruana Galizia** deciz fid-29 ta' Mejju 2015, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet hekk dwar il-*"fair comment"*:

*"....kumment fuq fatt attribwit lill-attur ma jistax ikun "fair and bona fide" jekk ma jkunx veru[3]. Din hija wkoll il-posizzjoni tad-dottrina fuq il-materja:*

*"The defendant does not have to convince the court that his opinions are correct or even reasonable, but the comments must be based upon true facts [.......] [T]he defence is not available where a comment is based upon 'facts' which turn out to be incorrect—even where the comments have been made in the honest belief that they are true facts. The defence must prove that the facts commented on are substantially true[4]."*

Dwar il-kuncett tal-*"value judgement"* fil-kaz **Lindon. Otchakovsky-Laurens and July** deciz fit-22 t'Ottubru 2007 mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem[5], intqal illi:

*"...in order to assess the justification of an impugned statement, a distinction needs to be made between statements of fact and value judgments. While the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgments is not susceptible of proof. The requirement to prove the truth of a value judgment is impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the right secured by Article 10. The classification of a statement as a fact or as a value judgment is a matter which in the first place falls within the margin of appreciation of the national authorities, in particular the domestic courts.* ***<u>However, even where a statement amounts to a</u>***

[2] Fol 10.
[3] Ara **Reginald G. Miller v. Harold Scorey**, App. Krim. 8 ta' Novembru 1952, Vol. XXXVI-IV-843.
[4] D. Goldberg, G. Sutter and I. Walden (eds), *Media Law and Practice*, O.U.P. 2009, p. 406.
[5] App. Numri 21279/02 u 36448/02 para.55.

***value judgment, there must exist a sufficient factual basis to support it, failing which it will be excessive[6].***"

Inghad ukoll fil-kaz fil-kaz fl-ismijiet **Jerusalem vs Austria** deciz fis-27 ta' Frar 2011 mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem[7] -

*"... even where a statement amounts to a value judgment, the proportionality of an interference may depend on whether there exists a sufficient factual basis for the impugned statement, since even a value judgment may be excessive if it has no factual basis to support it."*

Jirrizulta car, ghalhekk illi kemm sabiex id-difiza ta' *'fair comment'* u *'value judgment'* tirnexxi, l-appellant kien jehtieglu jipprova illi dak li kkummenta dwaru kien ibbazat fuq fatti sostanzjalment veri.

Il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem f'kazijiet li jolqtu d-dibattitu politiku, fosthom fil-kaz fl-ismijiet **Case of Radio Twist A.S. vs Slovakia** deciz fid-19 ta' Dicembru 2006[8] qalet li -

*"There is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest (see, for example, Sürek v. Turkey (no. 1) [GC], no. 26682/95, § 61, ECHR 1999-IV). Moreover, the limits of acceptable criticism are wider as regards a public figure, such as a politician, than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his words and deeds by journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance (see, for example, **Incal v. Turkey**, 9 June 1998, § 54, Reports of Judgments and Decisions 1998-IV)."*

Izda dan id-dritt fundamentali m'huwiex assolut u ghandu jigi ezercitat fil-parametri tar-rispett lejn id-drittijiet ta' terzi, inkluz ir-reputazzjoni u l-integrita' taghhom, anke jekk inhuma fix-xena politika.

Id-diskors pubbliku tal-appellant mertu tal-proceduri in dezamina jehtieg ghalhekk li jigi ezaminat fil-kuntest ta' dawn il-principji. Fil-partijiet saljenti tad-diskors tieghu tal-Hadd 19 t'Awissu 2007 l-appellant kien qal hekk:

***" Ninu Zammit fil-pozizzjoni tieghu x'garalu? Huwa Ministru u jirrizulta, bhala Ministru ... ma ghandhix dubju jien .. ghax Ministru grat din il-haga. Esproprjazzjoni li saret....ta' art tieghu ..... hadulu bicca mit-triq biex ikunu jistghu jaghmlu triq wiesgha kif kellha tkun. F'hafna drabi ... f'kazijiet bhal dawn lanqas biss ikollok titolu illi tircievi flus bhala kumpens. Mhux talli hekk ... din l-art ittiehdet fl***

---

[6] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti.
[7] App. Nru 26958/95 para. 43.
[8] App. Nru 62202/00, para. 52.

***1987 ghas 1989 .....fis-sena 2002 bdiet procedura gdida illi biha bdew l-affarijiet jekk int qed jesproprjiahielek il-Gvern ihallsek, tajjeb? U minn dak iz-zmien 'l hawn ghax jekk tigi esproprjata wara dak iz-zmien tibda tithallas inti, dak il-hin stess mhux tibqa' tistenna... issa kieku taf kemm hemm mijiet ghadhom jistennew ... b'xi mod jew iehor ... irranga Zammit .... Jirrizulta illi haga li grat 1987,89 giet npustata li saret wara s-sena 2002 u allura, Alla jbierek, f'daqqa wahda .... Applika permezz tal-ADT.... biex jkun jista' dan jiehu kumpens ta' dik l-art u f'temp ta' sena u nofs ha mas-somma ta' Lm70,000. In-nies jafu li l-affarijiet ma jigrux hekk ma' haddiehor."[9]***

L-ilmenti tal-appellant fl-appell jiffukaw fuq dawn l-aspetti -

1. L-appellant jitfa' dubju dwar jekk l-appellat kienx jikkwalifika jew le li jircievi kumpens ghaz-zewg porzjonijiet art in kwistjoni peress li huwa obbligu ta' min jibni li jifforma t-triq ta' quddiem l-art kollha quddiem id-dar tieghu sa nofsha. Huwa jirreferi ghax-xhieda tar-rapprezentant tal-MEPA, Martin Saliba[10] u ghal dokument in atti[11] li juri l-hlas mill-appellat ghall-kontribuzzjoni tat-triq fuq *frontage* ta' 48.6 metri (160 pied). Dan b'kuntrast mal-applikazzjoni ghall-izvilupp tal-proprjeta' fejn huwa kien iddikjara frontage ta' 11.3 metri (37 pied)[12]. B'hekk l-appellant iqis li dik il-parti tad-diskors fejn huwa qal *"F'hafna drabi ... f'kazijiet bhal dawn lanqas biss ikollok titolu illi tircievi flus bhala kumpens"*, kien kumment legittimu.

Mill-atti jirrizulta li l-permess ghall-applikazzjoni ta' zvilupp tal-proprjeta' tal-attur Nru 4489/83 gie approvat skont il-kriterji tal-ligi vigenti fil-Building Development Act[13]. Ghalkemm ma jirrizultax li l-pjanti li a bazi taghhom gie approvat il-permess imsemmi huma esibiti, minn dak li xehed b'mod mhux kontradett l-appellat, dan il-permess kien ikopri *frontage* ta' 11.3 metri (37 pied). Dan jidher li kien fil-parametri ta' dak permess fil-ligi. L-art rimanenti mit-tul tal-proprjeta' li giet eventwalment esproprjata ma kinitx ghalhekk meqjusa bhala *frontage* skont il-ligi u konsegwentement minn dan l-aspett legalment ma tirrizulta ebda irregolarita' li tiggustifika dak li qal l-appellant fil-konfront tal-appellat.

2. L-appellant jargumenta wkoll li bhala stat ta' fatt irrizulta li r-rikorrent bena fl-1987 u t-triq giet iffurmata fl-1989. Ir-rikorrent applika ghall-kumpens taht l-iskema l-gdida fit-22 ta' Lulju 2005 u sat-22 ta' Frar 2007 inhariglu l-kumpens. Dan b'differenza ghall-kazijiet tal-girien tieghu li nbdew fis-snin disghin u damu sejrin diversi snin.

Il-provi juru li:-

---

[9] Traskrizzjoni tad-diskors tal-intimat appellant a fol 23.
[10] Kawza Nru 251/07VG esibita a fol 130 et seq.
[11] Dok NZ 9 Fees and Reimburement Bill a fol 41.
[12] Xhieda tal-appellat 5 ta' Novembru 2007.
[13] Fol 24.

i. L-appellat kien xtara l-art fiz-Zurrieq fl-1983 u fl-istess sena applika ghal permess tal-izvilupp[14]. L-ewwel permess ghall-bini hareg fit-13 ta' Mejju 1987 pero' d-decizjoni ttiehdet fid-19 ta' Frar 1985[15];

ii. Waqt li beda l-bini l-awtoritajiet iddecidew li jwessghu Triq Sant Andrija fiz-Zurrieq li ghal fuqha kienet tisporgi l-proprjeta' tar-rikorrent[16] b'dana li l-appellat inghata struzzjonijet biex jirtira aktar il-gewwa fit-tul kollu tal-proprjeta' tieghu. B'rizultat ta' dan it-tibdil fil-progett, **fl-1989** il-Gvern ha l-pussess ta' zewg porzjonijiet art tar-rikorrent indikati bhala "Portion A" u "Portion B" fil-pjanta esibita a fol 17[17];

iii. Fis-sena 2005 l-appellat gie nfurmat minn wiehed mill-girien tieghu li dan tal-ahhar kien ha kumpens ghal art biswit il-proprjeta' tieghu li kienet ukoll ittiehdet mill-Gvern ghall-istess skop[18];

iv. Fit-22 ta' Lulju 2005 l-appellat talab li jircievi kumpens ghaz-zewg porzjonijiet art li ttiehdu biex twessghet it-triq[19];

v. Fil-21 ta' Frar 2006 id-Dipartiment tal-Artijiet ircieva talba minghand l-Awtorita dwar it-Trasport, sabiex dawn iz-zewg porzjonijiet jigu espropprjati. Minn hemm bdiet il-procedura normali tad-Dipartiment biex jesproprja[20]. Saru l-istimi tal-Perit inkarigat mill-Gvern[21] u fit-22 ta' Frar 2007 giet pubblikata fil-d-Dikjarazzjoni tal-President[22] li fiha dawn iz-zewg porzjonijiet art gew dikjarati mehtiega ghal skop pubbliku. Ghall-art murija bhala *Plot A* gie offrut il-kumpens ta' Lm23,808 (Eur55,458) u ghal dik murija bhala *Plot B* gie offrut il-kumpens ta' Lm20,272 (Eur47,221). Wara li l-appellat gab prova li huwa s-sid ta' dawn l-artijiet gie ffirmat il-kuntratt ghall-hlas bejn l-appellat u d-Dipartiment tal-Artijiet, ghalkemm ma jirrizultax meta gie ppubblikat il-kuntratt. Margaret Falzon xehdet li l-appellat accetta l-flus minghajr pregudizzju ghad-dritt li jikkontesta l-ammont offrut quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet[23].

vi. Gew moghtija wkoll dettalji mir-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Artijiet dwar il-kumpens u nformazzjoni ohra rilevanti fir-rigward tal-esproprjazzjonijet ta' artijiet tal-girien tal-appellat[24].

---

[14] Xhieda tal-appellat a fol 13.

[15] Xhieda ta' Martin Saliba, rapprezentant tal-MEPA a fol 118 mill-kawza Nru 251/07VG.

[16] Pjanta a fol 17.

[17] Xhieda tal-appellat a fol 21 kif korroborata mir-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Artijiet Margaret Falzon a fol 136 mill-kawza Nru 251/07VG. Ara wkoll l-ittra datata 21 ta' Frar 2006 mibghuta minn ufficjal tal-Awtorita dwar it-Trasport f'Malta (fol. 105).

[18] Xhieda tal-appellat a fol 21. Ara pjanta a fol 17 – plot ikkulurit isfar.

[19] Xhieda tal-appellat a fol 21.

[20] Xhieda Margaret Falzon a fol. 136 mill-kawza Nru 251/07VG.

[21] Stima tal-Perit Joseph Mizzi a fol. 96.

[22] Fol 99 et seq.

[23] Fol 144.

[24] Xhieda Margaret Falzon a fol 138 et seq mill-kawza Nru 251/07VG.

L-appellant fid-diskors li wassal ghal din il-kawza qal li ma kellux dubju li dak li gara kien minhabba li l-appellat kien Ministru, u *"F'hafna drabi … f'kazijiet bhal dawn lanqas biss ikollok titolu illi tircievi flus bhala kumpens,"* . Dan il-kliem hu *statement of fact* u mhux kumment. Il-messagg li ta l-appellant kien car, li fl-ewwel lok ma kienx hemm bazi sabiex issir l-esproprijazzjoni li tat lok biex jithallas kumpens lill-appellat, u dak li gara kien minhabba li l-attur kien Ministru. Filwaqt li jista' jkun difficli li tinghata prova li persuna nghatat trattament preferenzjali minhabba li tokkupa kariga pubblika, min-naha l-ohra ma tressqet l-ebda prova li l-appellat ma kellux jedd ghall-kumpens ghaz-zewg porzjonijiet art li ttiehdulu jew kien hemm xi agir irregolari. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li l-art proprjeta' tal-appellant, fl-1967 diga' kellha faccata fuq triq pubblika[25]. Ghalhekk dan ma kienx kaz fejn qabel jibda l-izvilupp l-appellant kellu jiftah triq fi hwejgu. F'kull kaz l-appellant ma gabx provi biex jissostanzja dik id-dikjarazzjoni ta' fatt. Dan apparti li rrizulta li fl-istess triq kien hemm sidien ohra ta' proprjeta li gew kumpensati ghall-art li hadilhom il-Gvern. Fatt li fih innifsu jxejjen id-dikjarazzjoni ta' fatt li saret mill-appellant. Ghalkemm l-appellant xehed: *"Qed nigi mistoqsi jekk nafx illi l-gar ta' hdejh attwalment thallas ukoll il-kumpens, jien nghid illi ghalija din hija kwistjoni mmaterjali ghar-raguni semplici li jekk wiehed inghata rigal ikun naturali li biex jiggustifika tali rigal jaghti wkoll l-istess rigal lil ta' hdejh"* (fol. 158). Dikjarazzjoni li m'ghandha l-ebda valur probatorju.

Fl-istess diskors l-appellat iddikjara wkoll li: *"**b'xi mod jew iehor…rranga Zammit u harget cara mill-istqarrijiet kollha li saru sa issa**…illi xi haga li grat 1987, 89 giet npustata li saret wara s-sena 2002 u allura, Alla jbierek f'daqqa wahda applika permezz tal-ADT…biex ikun jista' jiehu kumpens ta' dik l-art, u f'temp ta' sena u nofs ha s-somma ta' Lm70,000. In-nies jafu illi l-affarijiet ma jigrux hekk ma' haddiehor….."*

F'din il-parti tad-diskors, l-appellant kien qieghed jaccenna ghal fatt kif l-appellat thallas f'perjodu daqstant qasir. L-appellant kien car fi kliemu, fis-sens li l-appellat uza l-kariga tieghu biex thallas fejn haddiehor kien ilu s-snin jistenna. L-appellant qal li l-appellat kien irranga biex jithallas qabel haddiehor kien hareg car *"…. mill-istqarrijiet kollha li saru sa issa"*. Madankollu baqa' ma pprezentax kopja tal-istqarrijiet minn fejn suppost jirrizulta dak allegat minnu. Fin-nuqqas ta' provi l-qorti ma tarax kif l-appellant seta' jirnexxi fid-difiza li ppropona.

Jirrizulta li fis-sena 2003 inbidlet il-procedura fid-Dipartiment tal-Artijiet. Margaret Falzon xehdet li wara emendi li saru fl-Att dwara l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88), meta Dipartiment jew entita' bdew jehtiegu xi art ghal skop pubbliku u jitolbu lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex issir esproprju, min ikun ghamel it-talba jintalab jiddepozita l-valur tal-art kif stmata qabel il-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President[26].

[25] Ara ritratt mehud mill-ajru a fol. 31.
[26] Fol 137 *et seq*.

It-talba tal-appellat ghall-hlas ta' kumpens saret sentejn wara li dahlet fis-sehh din il-procedura. Jirrizulta wkoll minn ittra datata l-1 ta' Awissu 2006, li sa dak iz-zmien l-ADT kienet diga' ttrasferiet il-flus lid-Dipartiment tal-Artijiet biex isir il-hlas lill-appellat. F'dan il-kaz l-appellat kien ghamel it-talba lill-Awtorita f'Lulju 2005, fi Frar tal-2006 saret talba mill-ADT lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex issir l-esproprijazzjoni u fi Frar 2007 gie ppubblikat l-avviz ta' esproprijazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. Bhala fatt jidher li l-perjodu kien relattivament qasir minn meta saret it-talba mill-appellat lil ADT sakemm gie pubblikat l-avviz ta' esproprijazzjoni. Margaret Falzon, ufficjal tad-Dipartiment, xehedet dwar id-dewmien ta' zmien sabiex sid ta' art jithallas il-kumpens meta l-art ikun ittiehed il-pussess taghha qabel il-pubblikazzjoni tal-avviz ta' espropriju[27]:

*"Dr Paul Lia: Normalment, dan minn meta ssir it-talba ghal meta jsir il-hlas lil min jaghmel it-talba huwa process ta' malajr jew jista' jkun hemm problema ?*
*Xhud: Gieli meta l-art ikunu jriduha malajr se jghagglu, meta d-Dipartiment ikun iridha malajr, ikollu prijorita', irid jidhol, irid jaghmel xi haga.*
*Dr Paul Lia: Meta jun dahal diga' u li t-triq tkun diga' formata ?*
*Xhud: Normalment ma jghagglux daqshekk, jimxu regolari, pero' normali"*.

Pero' hawnhekk ix-xhud kienet qeghda taghti taghrif generali. Il-qorti ma tifhimx li b'dak li qalet ix-xhud kienet qeghda tikkonferma li f'dan il-kaz l-espropriju sar *fast track* meta tipparagunah ma' dak li jigri s-soltu. Dan apparti li wiehed ma jridx jinsa li l-art kienet ilha li ttiehdet sa mill-1989, cjoe' iktar minn hmistax-il sena qabel. Hu maghruf li hawn min kellu jghaddi minn martirju sakemm thallas kumpens ghall-esproprijazzjoni ta' hwejgu, u hawn hafna li ghadhom jistennew li ssir gustizzja ghall-proprjeta li ttiehdet snin twal ilu. Pero dan ma jfissirx li din hi r-regola. 'Il fatt li hemm sidien li ghadhom jistennew il-hlas ta' kumpens, ma jfissirx li l-appellat *"irranga"* u nghata preferenza fuq haddiehor. M'hemmx prova li l-hlas isir skond min ilu jistenna l-iktar. Mill-provi li tressqu m'hemmx indikazzjoni li d-Dipartiment tal-Artijiet ta xi preferenza lill-appellat. Tant hu hekk li jirrizulta li l-appellat kien qieghed jippretendi kumpens iktar minn dak li ffissa l-perit inkarigat mid-Dipartiment, u xorta kellhom isiru proceduri quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet ghaliex id-Dipartiment m'accettax il-pretensjoni tal-appellat. Fatt li jdghajjef il-konvinzjoni tal-appellant li Zammit kien *"irranga"*. Mill-korrispondenza jirrizulta li d-Dipartiment ried li qabel il-pubblikazzjoni tal-avviz ta' esproprijazzjoni, jinghata l-flus li kellhom jithallsu bhala kumpens lis-sid tal-art li ttiehdet. Ladarba nghata l-flus, sar l-espropriju kif gustament kellu jsir. Issemma wkoll li l-flus li bihom thallas l-appellant kienu suppost intizi ghal progett f'Haz-Zebbug b'riferenza ghal Protokoll mal-Italja. Meta Margaret Falzon giet mistoqsija dwar il-pronvenjenza tal-flus li bihom thallas il-kumpens lill-appellat, qalet: *"Irrid niccekja l-file imma naf li kienu tawhomlna ghal xi haga ohra l-flus parti minnhom."* (fol. 137). Mill-korrispondenza ezibita mill-Kummissarju tal-Artijiet jidher li s-somma kienet Lm14,760 (ara ittra tal-ADT

[27] Fil-kawza 251/2007 fl-istess ismijiet li ghadha pendent quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

datata 26 ta' Lulju 2006, fol. 92), izda f'ittra tat-28 ta' Lulju 2006 l-istess xhud kitbet: *"This Department, therefore, does not see any reason why the amount of Lm14,760 should be set off against this particular expropriation."* Ghalhekk dan ma jistax jitqies bhala xi ndizju li juri kemm kellu ragun l-appellant f'dak li qal waqt il-programm li xxandar fuq Super One Radio fid-19 ta' Awissu 2007.

Dwar il-paragun ma' kazijiet tal-girien li l-process taghhom ghall-kumpens dam hafna aktar minn dak tal-appellat, irrizulta li fl-epoka li kien qieghed jigi processat il-kumpens tal-girien il-procedura tad-Dipartiment kienet differenti. Procedura inqas efficjenti minn dik introdotta fl-2003 fejn id-Dipartiment jew entita' li titlob l-esproprjazzjoni trid minn qabel tiddepozita l-flus ekwivalenti ghall-valur tal-art[28]. Ghalhekk ic-cirkostanzi kienu differenti.

Ghal kull buon fini jinghad ukoll li l-punt imqajjem fl-appell dwar bini li l-appellat kien tella' mhux skont il-permess imur lil' hinn mill-meritu tal-kawza u ghalhekk il-qorti ma tqiesx li hu rilevanti. Inoltre waqt id-diskors tal-appellant ma saret l-ebda riferenza ghall-permess ta' zvilupp.

3. L-appellant argumenta wkoll li l-appellat kellu mezzi ohra kif jirrimedja jekk hassu malafamat. F'dan ir-rigward ghamel riferenza ghall-Artikolu 21 tal-Att dwar l-Istampa. Il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellant u anzi temmen li l-vittma ta' malafama ghandu d-dritt jaghzel hu t-tip ta' rimedju li jrid. Rimedju li wara kollox taghtih il-ligi.

4. L-appellant jilmenta wkoll dwar il-likwidazzjoni tad-danni ta' €1,000 li gie kkundannat ihallas. Skond l-appellant ladarba l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellat ma sofriex telf ta' qliegh, u ladarba qablet li d-dibattitu politiku ghandu jigi salvagwardjat u mhux imxekkel, allura l-apellant ma kellux jigi penalizzat b'mod pekunarju. Il-Qorti ma taqbilx. L-appellant ghandu jwiegeb tal-agir tieghu. Wara kollox mid-diskors hu evidenti li akkuza lill-appellat li nqeda bil-kariga pubblika ta' Ministru biex ghamel gwadan personali. Il-Qorti ma tara xejn censurabbli fis-somma li llikwidat l-ewwel qorti fejn bilfors hemm element ta' diskrezzjoni gialadarba din m'hijiex piena abbinata ma' danni reali.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul

[28] Xhieda ta' Margaret Falzon a fol 143 *et seq*.